MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 57**

**It-Tlieta, 25 ta' Lulju 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2023, fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**Skużat:** Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**57.1 Talba;**

57.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-4.00 ta' wara nofsinhar. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**57.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

57.2.1 Il-Kunsillier Jonathan Cefai bagħat emejl lill-Kunsill fejn infurmaħ illi ma jistax jattendi għall-laqgħa tal-Kunsill minħabba mpenji oħra.

**57.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 56;**

57.3.1 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 56 kienu għadhom mhux lesti għaldaqstant ser jiġu jissottomessi fil-laqgħa li jmiss.

**57.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

57.4.1 Ser issir manutenzjoni kif kien maqbul fil-Kunsill f'laqgħa preċedenti tar-*retaining wall* tat-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi bejn Settembru u Ottubru;

57.4.2 Tkisser *toilet* tal-latrina pubblika b'bomba fil-festa tal-lokal minn xi tfal, għalhekk hemm bżonn li dan jinbidel. Kien hemm qbil;

57.4.3 Il-*porfido* ta' Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali, l-parti li taqà taħt ir-responsabilità tal-Kunsill, ittebba meta sar it-tisjir tal-*bbq* tal-festa fuqu;

57.4.4 Saret l-applikazzjoni għar-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li hemm fil-faċċata tal-Knisja mill-Perit Ivana Farugia f'isem il-Kunsill Lokali. Dan wara li lesta x-xogħol mitlub mill-Kunsill is-Sur Joseph Bajada;

57.4.5 Hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivana attendew għall-attività bl-isem 'Kewkba' l-Barrakka ta' Fuq organizzata mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fl-okkażżjoni tat-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali fil-Barrakka ta' Fuq fil-Belt Valletta;

57.4.6 Armar tan-nar tal-art għadu hemm minkejja li ġa għaddew 40 ġurnata mill-festa u diġa nġibdet l-attenzjoni biex jitneħħa lill-Kappillan. Għalhekk issa ser tinkiteb ittra lill-Kappillan peress li huwa kien applika għall-permessi neċessarji;

57.4.7 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir arblu kbir tal-festa fi Triq ix-Xlendi biex tittella bandiera kbira. Il-Kunsill qabel;

57.4.8 Saru s-sinjali sofor li kien talab il-Kunsill fil-kantuniera bejn Triq il-Għajn u Triq ta' Mulejja, kif ukoll *stop sign* fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq il-Qalb ta' Ġesù. Il-Kunsillier Horace Micallef għen sabiex tkun tista ssir l-i*stop sign* fl-iqsar żmien possibbli. Ta' dan ġie rringrazzjat;

57.4.9 Binja f'Wied Siekel li għalija kien oġġezzjona l-Kunsill nbniet livell mal-bini eżistenti u għaldaqstant ġiet rispettata l-*Urban Conservation Area*, iżda nbniet b'ġebla ġdida minflok dik *weathered* bħal ma qed isir ftit metri 'l bogħod fi Trejqet ix-Xagħri;

57.4.10 Issuġġerixxa li ssir plakka tal-irħam b'kommemorazzjoni tat-30 sena minn meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali bl-ismijiet tas-Sindki li kellu l-Kunsill tul dan iż-żmien, kif ukoll għal dawk li għad iridu jinħatru. Din għandha tiġi inawgurata f'Jum il-Fontana. Il-Kunsill qabel;

57.4.11 Jenħtieġ li jintalbu l-pagamenti lura tax-xogħol li sar mill-Perit għall-proġett ta' taħt ir-*railing* li jammontaw għal €3,599 mill-fond Skema Reġjonali-*Parks*, Ġonna u Spazji Pubbliċi – 2021 tar-Reġjun Għawdex u l-ammont ta' €206.50 mill-fond għall-Ħarsien Spekulazzjoni Ambjentali Għawdex ta' l-istess Reġjun dwar l-oġġezzjoni li kien għamel il-Kunsill dwar binja f'Wied Siekel msemmija aktar 'l fuq;

57.4.12 Dwar l-impjieg ta' *General Hand* irriżulta li ma kienx hemm permess sabiex tkun tista tinħareġ is-sejħa mill-Jobsplus għax dan qatt ma ntalab, għaldaqstant dalgħodu ntalab il-permess neċessarju biex inkunu nistgħu nipproċedu.

**57.5 Proġetti tal-Kunsill;**

57.5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Perit John Saliba aċċetta li jkun il-Perit inkarigat mill-proġett tat-tkomplija tal-bini tal-Kunsill kif ukoll fix-xogħol tal-*Playing Field* minflok il-Perit Gordon Vella.

57.5.2 Dwar il-proġett ta' taħt ir-*railing* żewġ kuntratturi ġabu s-*samples* tal-*porfido* filwaqt l-kuntrattur li kellu l-irħas offerta ma laħaqx daħħal il-kjarifiċi mitluba fil-ħin speċifikat.

**57.6 Ħruġ u t'offerti;**

57.6.1 F'din il-laqgħa ma kienx hemm offerti x'joħorġu.

**57.7 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;**

57.7.1 Ċirkulari AKL 2023/062 bis-suġġett *Dancing to Dementia programme in the Community*.

57.7.2 Ċirkulari AKL 2023/065 bis-suġġett *Group Life Policy* – Membri Eletti. Is-Sindku mhux interessat f'din il-polza però l-membri l-oħra ser iġeddu din il-polza.

57.7.3 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali dwar dikjarazzjoni għal avvenimenti temporanji. Din il-formola trid timtela u tintbagħat lid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali mill-persuna li tkun qed tapplika għal permess tal-avveniment. Il-Kunsill ġie mitlub li jgħaddi kopja tagħha mal-permess li jkun ħareġ.

57.7.4 Mistoqsija Parlamentari Nru. 10627 – Kunsilli Lokali – Permessi *Caravans/Campers/Motorhomes*.

57.7.5 Mistoqsija Parlamentari Nru. 10735 – Parkeġġi allokati għall-Operat tal-Kumpanija GoTo.

57.7.6 Mistoqsija Parlamentari Nru. 10737 – Ċitazzjonijiet fuq Parkeġġi tal-Kumpanija GoTo wara li waqqfet l-operat.

57.7.7 Ċirkulari Numru 13/2023 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Emendi fir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali (A.L. 123 tal-2023) u Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' *Caravans* f'Lokalitajiet (A.L. 136 tal-2023)'.

57.7.8 Contracts Circular No. 12/2023 bis-suġġett *Supply of Environmentally Friendly European Union Flags.*.

57.7.9 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali marbuta mal-*Accumulation of Vacation Leave from* 2023 *to* 2024. Id-data ta' din is-sottomissjoni hija d-29 ta' Settembru 2023.

57.7.10 Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar programm ta' taħriġ bl-isem 'Train the Trainer'.

57.7.11 Il-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija bagħtet korrispondenza bis-suġġett 'Appoġġ: In-Naħla Maltija bħala l-Insett Nazzjonali'. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel unanimament biex jagħti l-appoġġ tiegħu għal din l-inizjattiva.

57.7.12 Il-*Gozo Action Group Foundation* ser toħroġ it-tielet sejħa għall-miżura 4 - GAG 4 *Rejunivating Gozo* taħt il-programm LEADER 2014-2020.

57.7.13 Reġjun Għawdex bagħat korrispondenza dwar l-għeluq tat-toroq vis a vis il-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill qabel illi l-permessi għandhom jingħataw mit-8.30am 'l quddiem biex ikun laħaq għadda t-trakk li jiġbor l-iskart.

57.7.14 Reġjun Għawdex bagħat spjega għall-kont tal-ġbir tal-iskart għax-xahar t'April peress li kien hemm 5 tunnellati iżjed tal-borża s-sewda ta' 9 darbiet f'xahar. Diversi fatturi ttieħdu nkonsiderazzjoni għaż-żieda fl-ammont ta' żibel, speċjalment l-ammont ta' Maltin fi żmien il-festi tal-Għid. L-informazzjoni ngħatat kemm mill-Wasteserv kif ukoll mill-kuntrattur. Is-Sindku qal li baqa bla risposta jekk il-kuntrattur hux qiegħed ibattal il-ġabra tal-Kunsill ta' Kerċem qabel jibda l-ġbir tal-Fontana.

57.7.15 Dwar l-applikazzjoni li kienet saret mal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex il-Kunsill iħaddem studenti miegħu fil-ġranet tas-sajf il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru fejn ġew offruti żewġ studenti. Xħin ġew ikkuntattjati waħda minnhom aċċettat filwaqt li l-istudenta l-oħra nfurmat lill-Kunsill li ser tkun qed taħdem f'post ieħor. Għaldaqstant il-Kunsill qabel illi jitlob għal student/a oħra.

57.7.16 Il-Viċi Sindku ta' Copparo fil-provinċja ta' Ferrara bagħat korrispondenza dwar il-possibilità ta' skambju kulturali bejn iż-żewġ lokalitajiet u saħansitra ġemellaġġ.

57.7.17 L-Avukat Jean Paul Grech nforma lill-Kunsill illi l-aħjar li jsir ftehim ta' kanċellament u l-flus jiġu ritornati mal-iffirmar ta' dan il-ftehim dwar il-flus relatati mal-kisi ta' Triq il-Għajn li ngħataw mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qabel illi jibgħat jinforma b'dan lid-Direttur Ġenerali responsabbli mill-proġetti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Enġinier tal-WSC infurmaħ li l-ispejjeż għolew b'30%.

57.7.18 *Transport Malta* bagħtet korrispondenza rigward parkeġġ riservat personalizzat li ntalab fi Triq il-Għajn. Il-Kunsill awtorizza dan il-permess u ser jimtela r-rapport relatat ma din l-applikazzjoni.

57.7.19 Dwar l-iskema SPI/SCI/4/2023 - Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati s-Sur John Paul Cefai ssuġġerixxa li jitqabbad ukoll l-Enġinier Simon Mizzi biex jipprepara dokumenti oħra li ma jaqgħux fil-kompetenza tiegħu sabiex tkun tista ssir din l-applikazzjoni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u l-Kunsill ser japplika għal sistema ta' CCTV *cameras* f'diveri nħawi.

57.7.20 Il-Kappillan tal-Parroċċa kiteb lill-Kunsill dwar l-I*sportsFest* annwali għat-tfal li din is-sena ser isir bejn l-14 u s-16 ta' Settembru fuq iz-zuntier. Il-Kappillan talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jisponsorja t-trofej u l-midalji. Fil-final ta' din l-attività l-membri tal-Kunsill jiġu mistiedna jqassmuhom huma lir-rebbieħa u lill-parteċipanti. Il-Kunsill qabel unanimament illi jgħin f'din l-attività billi jixtri t-trofej u l-ammont ma jissuperax l-€200.

57.7.21 Il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana bagħtu korrispondenza lill-Kunsill dwar il-Fontana *Wine Fest* 2023 li ser isir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Settembru. Il-Kummissjoni talbet permess sabiex tintuża u tingħalaq Triq il-Għajn minn filgħodu sabiex isiru l-preparamenti meħtieġa. Huma talbu parir lill-Kunsill fejn l-aħjar li ssir jew quddiem il-Knisja jew inkella fi Triq tax-Xlendi mill-Għejjun 'l isfel. Talbu wkoll għal għajnuna finanzjarja mingħand il-Kunsill. F'dan ir-rigward il-Kunsill ma ħa l-ebda deċiżjoni. Dwar il-post is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Carmel Farrugia qablu li ssir 'l isfel mill-Għejjun għar-raġuni li jekk issir quddiem il-Knisja Parrokkjali r-residenti ta' Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq ta' Mulejja, dawk 'l isfel mill-Knisja u ta' Triq Għajn Tuta jkunu iridu jmorru jgħaddu mill-Munxar jew mix-Xlendi biex ikunu jistgħu jitilgħu mill-Knisja 'l fuq, għalhekk huwa dejjem favur li r-resident ma jbatix bla bżonn bħal *logo* tal-AKL 'Residents First'. Filwaqt li l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef qablu li ssir quddiem il-Knisja Parrokkjali.* Peress li wara li ġew tnejn bi tnejn is-Sindku uża l-*casting vote* tiegħu u ġie deċiż illi din l-attività għandha ssir fi Triq ix-Xlendi mill-Għejjun 'l isfel.

* Il-Kunsillier Horace Micallef u l-Viċi-Sindku qalu illi huma jaqblu li ssir quddiem il-knisja għar-raguni li l-post huwa centrali min ikun niezel għax-Xlendi jista jarahom u hemm isfel hemm aktar spejjeż. [signatures] S. Borg

57.7.22 Rappreżentanta tal-pjattaforma LoveMalta kkuntattjat lill-Kunsill biex jipprovdi nota storika mżewqa b'xi anedotti li għandhom x'jaqsmu mal-oriġini tal-isem tal-lokalità. Din il-pjattaforma *online* tipprovdi



[signatures] S. Borg

nformazzjoni u tagħrif ieħor dwar il-gżejjer Maltin u tippromwovi l-istorja, il-kultura, it-tradizzjonijiet kif ukoll ġrajjiet kurrenti kemm fost ir-residenti kif ukoll mat-turisti u viżitaturi oħra. Il-Kunsill se jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

57.7.23 Resident ilmenta li hemm nuqqas ta' tabelli li jkunu jindikaw li ġejja *zebra crossing* waħda fi Triq tal-Għajn quddiem il-Knisja Parrokkjali u l-oħra fi Pjazza l-Għejjun. Il-Kunsill qabel illi jibgħat dan l-ilment lis-sezzjoni nkarigata fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

57.7.24 Resident minn Triq l-Isptar San Ġiljan ilmenta li l-kanna eżistenti mal-bankina li qed tostakola l-katusa tal-ilma tax-xita titneħħa. Is-Sindku qal li din saret fuq talba ta' dan ir-resident biex ma tinkisirx il-bankina xi snin ilu, u l-katusa saret dan l-aħħar. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel illi tinqata l-parti biss ta' quddiem il-katusa u mhux il-kanna kollha.

## 57.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

57.8.1 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li ssir banketta biex tiffaċilità t-tlugħ u l-inżul mill-vann tal-Kunsill. Is-Sindku ser jitkellem mal-aġent minn fejn inxtrat biex jara x'jista joffri biex iseħħ dan.

## 57.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 45/2023 għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2023 u l-25 ta' Lulju 2023 li tammonta għal €4,095.43 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta' Lulju.

## 57.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 31 t'Awwissu 2023 fl-4.00 ta' wara nofsinhar b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem. Il-ħin tal-laqgħa ġie deċiż bi qbil unanimu bejn il-membri.

Konfermati, llum il-Ħamis, 31 t'Awwissu 2023.

Saviour Borg
Sindku

Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA